MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2014

Appell Kriminali Numru. 374/2013

Il-Pulizija

(Spettur Angelo Gafa')

vs

**Paul Scicluna**

iben John, imwieled Santa Venera, fil-21 ta' Settembru, 1959, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 598359(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat Paul Scicluna quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fl-20 ta' Ottubru 2011, ittanta jhajjar lill-ufficjal jew impiegat pubbliku u cioe' lil Vincent Vella, Spettur tad-Dipartiment tal-VAT biex jaghmel delitt u cioe' li bhala ufficjal jew impiegat pubbliku in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu jitlob, jircevi jew jaccetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utili iehor jew ta' xi vantagg iehor li ghalihom huwa ma kellux jedd.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-31 ta' Lulju, 2013 fejn il-Qorti wara li rat l-akkuzi migjuba kontra l-istess imputat, sabet lil Paul Scicluna mhux hati u illiberatu mill-istess akkuzi migjuba kontra tieghu.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fl-20 ta' Awwissu, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghogobha tirrevoka s-sentenza appellata u minflok, tgħaddi biex tiddikjara lill-appellat Paul Scicluna hati tal-akkuza dedotta fil-konfront tieghu u sussegwentament tghaddi biex timponi fuq l-istess appellat l-piena skont il-ligi.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi fis-sebgha (7) ta'Awwissu tas-sena elfejn u tlettax (2013), l-esponent Avukat Ġenerali rċieva l-atti tal-kawza odjerna u ħassu aggravat bihom in kwantu l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti meta lliberat lill-appellat u dana nonostante l-provi prodotti mill-prosekuzzjoni fil-kaz odjern. Illi dana qieghed jinghad ghaliex l-esponent huwa tal-fehma illi mill-provi prodotti mill-prosekuzzjoni quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti hemm bizzejjed provi sabiex lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni l-appellat jinsab hati tal-akkuza addebitata fil-konfront tieghu u dan hekk kif ser ikun spjegat iktar fid-dettal f'dan l-umli appell.

Illi jibda biex jinghad illi l-kaz tal-prosekuzzjoni fil-kawza odjerna huwa msejjes fuq provi kemm diretti kif ukoll cirkostanzjali. Illi jibda biex jinghad illi bhala prova diretta l-prosekuzzjoni pproduciet lil Vincent Vella, li huwa dak l-ispettur tal-VAT li Paul Scicluna allegatament ittanta jikkorrompi. Ghalkemm fil-kaz odjern jezisti xhud wiehed biss li jista' jixhed <u>direttament</u> dwar l-akkadut ma jnaqqas xejn mill-kaz tal-prosekuzzjoni. Fil-fatt l-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali tistipula illi:

> *"B'dan kollu, f'kull kaz, ix-xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt, hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ippruvat minn zewg xhieda jew aktar".*

Illi fis-sentenza moghtija mill-ewwel Onorabbli Qorti jirrizulta li l-istess Qorti ma sabitx kredibbli l-verzjoni li ta x-xhud Vincent Vella u dana ghaliex l-istess xhud fi

kliem l-ewwel Onorabbli Qorti "ma tantx wera konsistenza dwar kif svolgiet l-affari". Bhala ezempju ta' dan l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha ghamlet referenza ghal dak iddikjarat minn Vella dwar fejn kienet il-karta tal-mitt Ewro u kif ghaddiet ghand Vella. Illi bir-rispett kollu dovut lejn l-ewwel Onorabbli Qorti, it-traskrizzjoni tax-xhieda moghtija minn Vella quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti, kuntrarjament ghal dak iddikjarat mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha, turi bic-car illi minkejja d-diversi domandi li sarulu f'dan ir-rigward kemm fl-ezami min-naha tal-prosekuzzjoni, kif ukoll in ri-ezami, u sahansitra anke fuq domandi ta' l-ewwel Onorabbli Qorti, Vella dejjem kien konsistenti fir-risposti tieghu dwar dan il-punt u dana hekk kif jirrizulta mix-xhieda tieghu hawn hekk citata:

| | | |
|---|---|---|
| *Fol. 78* | *"Pros:* | *Paul Scicluna x'tak?* |
| | *Xhud:* | *Taghni correction letter b'cekk mieghu u* ***dak il-hin kien hemm 100 Euro fuq il-mejda*** |
| | *Pros:* | *Imma il-100 Euro fejn kienet allura?* |
| | *Qorti:* | *Kif spiccat fuq il-mejda?* |
| | *Xhud:* | *Jiena lil Paul ghidtlu rrid is-sales ledger ma dawn. Ghidtlu jiena ma rridx il-correction letter biss.* ***Issa il-100 Euro kienet hemm u ried jghaddihieli.*** |
| | *Pros:* | *X'igifieri kienet hemm?* |
| | *Xhud:* | ***Kienet fuq id-desk ta' Paul Scicluna*** |
| | *Pros:* | *U x'qed tghid li qallek?* |
| | *Xhud:* | ***Hu qalli 'dawn ghalik'*** |
| | *Pros:* | *Meta tghid qallek 'dawn ghalik' , ghal xiex kien qed jirreferi?* |
| | *Qorti:* | ***X'fhimt inti?*** |
| | *Xhud:* | ***Kien qed jirreferi ghall-ittra u ghal-100Euro. Fhimt jiena.*** |
| | *Qorti:* | ***Pero kien hemm xi stadju fejn qabad il-100 Euro u tahielek?*** |
| | *Xhud:* | ***Hin minnhom qalli 'hudha, dawn ghalik.'*** |
| | *Pros:* | *U x'ghamilt inti? Fejn kienu dawn l-affarijiet u inti x'ghamilt?* |

*Xhud:* ***il-correction letter kienet f'idejh u il-100 Euro kienet fuq id-desk. Ried jghaddihomli. ...***

*Fol. 86* *Qorti:* ***U ghidtilna wkoll li din il-100 Ewro kienet fuq il-mejda hux hekk?***

*Xhud:* ***Iva***

*Qorti:* ***u din il-100 Euro pero ma kinitx mal-karti li tak***

*Xhud:* ***Le ma kinitx mal-karti li taghni***

*Pros:* ***Kif allura inti mill-ufficcju hrigt bil-correction letter, b'cekk maghha u bil-100 Euro li kienet fuq il-mejda? U jekk xi hadd gibidlek l-attenzjoni, il-mument li hadtha minn fuq il-mejda?***

*Xhud:* ***Hadd ma gibidli l-attenzjoni Dawn hadthom minn fuq id-desk. Qbadthom b'idejja.***

*Pros:* ***imma kif qbadt u hadtha din?***

*Xhud:* ***Ghaliex hin minnhom hu qalli 'hudhom'.***

*Pros:* ***U ghaliex rrefera meta qallek 'hudhom'?***

*Xhud:* ***Ghall-correction letter u ghall-100 Euro.***

*Fol. 96* *Avukat:* *Illum qed tghidilna verzjoni li l-flus kienu fuq il-mejda. Jekk nghidlek li lill-kummissarju qatt ma ghidthomlu dawn il-kliem li l-flus kienu fuq il-mejda u lill-kummissarju inti dejjem ghidtlu li l-flus kienu mal-karti, xi tghid?*

*Xhud:* *Le qatt ma ghidltu li l-flus kienu mal-karti. Dejjem li kienu fuq il-mejda. Kienu mal-karti jigifieri kienu mal-correction letter u mac-cekk? Qed nifhem sew jiena?*

*Avukat:* *Kienu maghhom?*

*Xhud:* *Le le ma kienux. Kienu fuq il-mejda.*

*Avukat:* *Jigifieri inti s-Sur Scicluna qed tghid ghaddielek il-karti. Inti rajt 100 euro fuq l-iskrivanija u qbadtha u hadtha*

*Xhud:* *Ezatt."*

Illi ghaldaqstant u in vista ta' dak suespost, l-esponent ma jistghax jifhem kif l-ewwel Onorabbli Qorti ddikjarat fis-sentenza taghha illi Vella ma kienx konsistenti fix-xhieda tieghu dwar dan il-punt partikolari b'tali mod illi ma ssibux kredibbli bhala xhud.

Illi di piu' fis-sentenza taghha l-ewwel Onorabbli Qorti taghmel accenn ghall-kliem 'fhimt jiena' (hawn fuq citati ukoll) li qal Vella. Kliem li l-ewwel Qorti qisithom "sinifikattivi hafna aktar u aktar fil-kuntest tax-xhieda ta' tlett ufficjali gholjin fid-dipartiment". F' dan ir-rigward l-esponent ifakkar illi il-kliem 'Fhimt jiena' Vella qallhom fuq domanda tal-ewwel Onorabbli Qorti stess li staqsietu: 'X'fhimt inti?'. In vista ta' dan ma kien hemm xejn sinifikanti dwar dan il-fatt hlief li xhud wiegeb domanda diretta li saret mill-ewwel Qorti hekk kif kien obligat li jaghmel bil-ligi.

Illi ghaldaqstant, fl-umli fehma tal-esponent, ma kien hemm assolutament xejn inkonsistenti fix-xhieda ta' Vella, u ghaldaqstant l-ewwel Onorabbli Qorti ma kellha qatt tiskarta tali xhieda bhala mhux kredibbli.

Illi ai termini tal-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali, l-kredibbilita' tax-xhud ghandha tithalla "*fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda tieghu ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xhieda tieghu u jekk ix-xhieda hix imsahha minn xhieda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.*" Fil-kaz de quo jirrizulta li Vella dejjem kien konsistenti dwar il-fatti tal-kaz. L-unika varjazzjoni li kien hemm kienet dwar il-fatt illi originarjament lill-Kummissarju tal-VAT kien qallu li ma hax il-100 Euro offruti lilu izda ftit minuti wara huwa ddikjara bla tlaqlieq illi hadhom u wara ftit reggha mar tahom lura lil Paul Scicluna flimkien mal-correction letters u cheques relattivi. Dwar din il-varjazzjoni Vella spjega immedjatament 'l ghaliex huwa inizjalment mal-Kummissarju tal-VAT iddikjara mod u ftit minuti wara quddiem l-istess Kummissarju iddikjara mod iehor. Dan il-fatt u cioe' illi huwa varja l-verzjoni tieghu ma ddejjaqx jiddikjarah bil-gurament quddiem l-ewwel Qorti u dana meta kien mistoqsi kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll bid-difiza. Ghaldaqstant, fl-umli fehma tal-esponent dana ma jnaqqas xejn mill-kredibbilta' tal-istess xhud fix-xhieda tieghu. Dana specjalment meta wiehed jikkunsidra illi, kuntrarjament ghall-appellat (hekk kif ser jigi spjegat izjed 'il quddiem) ix- xhieda kollha li ta Vella ghandha mis-sewwa.

Illi jrid jinghad ukoll illi, li kieku x-xhieda li Vella ta kienet kollha montatura bhala vendetta ghar-ragunijiet personali hekk kif gie allegat mid-difiza, l-inqas haga li Vella setgha jaghmel kien li jaghti r-raguni 'l ghaliex Scicluna tah il-karta tal-100 Euro. Madanakollu din Vella ma qaliex ghaliex, skont Vella stess, Scicluna qatt ma qallu ghaliex kien qed jghaddielu l-100 Euro. Kull ma Scicluna ghamel (dejjem skond Vella) kien li ghaddhielu l-korrezzjonijiet flimkien ma' cheques u l-karta tal-100 Euro. Dan il-fattur per se, fl-umli fehma tal-esponent, juri bic-car illi x-xhieda li ta Vella quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti ghandha mis-sewwa.

Illi mhux l-istess jista' jinghad ghax-xhieda tal-appellat Paul Scicluna. Jibda biex jinghad illi r-raguni li ta Scicluna 'l ghaliex huwa indahal f'audit trail li kien qed jaghmel spettur iehor tal-VAT kienet dik illi huwa gie nfurmat mill-avukat tat-tax payer involut f'dan il-kaz (Tabone) illi lil Vincent Vella ma setghu jaqbduh b'xejn. Xi haga li li kieku verament ghandha mis-sewwa, l-unika haga li kienet tirrekjedi kien li Scicluna jghaddi n-numru tat-telefon ta' Vincent Vella lill-avukat li cempillu a nom ta' Tabone. Tajjeb illi jinghad illi skont ma ddikjara l-istess Scicluna, Tabone qatt ma fittex ghajnuna jew parir minghand l-istess Scicluna biex jigi konformi mal-ligi tal-VAT izda kull ma talab minghandu kien li jghaddi l-correction letters flimkien mac-cheques relevanti lil Vella, xi haga li setghet issir anke billi tithalla d-dokumentazzjoni relevanti mar-receptionist.

Illi jrid jinghad ukoll illi hekk kif jidher car mill-istqarrijiet tal-appellat kif ukoll mix-xhieda tieghu, mhux talli qed jallega li dak li qed jiddikjara Vella m'ghandux mis-sewwa, izda sahansitra qed jinnega ukoll dak li gie ddikjarat minn Tabone u cioe' li huwa ltaqa mieghu l-Belt biex jiddiskutu l-fatti ta' dan il-kaz. Ai fini ta' precizzjoni, irid jinghad illi minkejja li kemm fl-istqarrijiet tieghu kif ukoll fix-xhieda tieghu huwa ddikjara li ma jiftakarx din l-laqgha, fl-istqarrija huwa ddikjara ukoll:

> M: P*ero jekk verament iltqajt mieghu nahseb li tiftakar, mhux hekk?*
>
> T: ***Nimmagina***[1]

Ghaldaqstant wiehed jistaqsi, ghandu mis-sewwa dak iddikjarat minn Scicluna meta qed jallega li kemm Vella kif ukoll Tabone mhux qed jghidu s-sewwa fir-rigward

[1] Emfazi tal-esponent

tieghu. Wiehed jistaqsi ukoll allura x'interess kellu Tabone li ma jghidx il-verita' lill-pulizija rigward ragel li ghamel minn kollox biex ighinu?! Sussegwentement fix-xhieda tieghu quddiem l-ewwel Onorabbli Qorti Scicluna ddikjara li 'ma jiftakarx' illi fil-konfront li kien sar bejnu u bejn Tabone fil-prezenza tal-pulizija, Tabone kien semma illi kienu ltaqghu l-Belt wara t-tieni telefonata li Scicluna kien ghamel lill-istess Tabone. Hawnhekk ghal darba ohra wiehed jistaqsi jekk ghandhiex mis-sewwa li persuna bhal l-appellat tinsa d-dettalji ta' x'gara f'esperjenza daqstant negattiva ghaliha bhalma hu l-arrest ta' persuna.  Tajjeb illi wiehed ifakkar illi fi kliem l-appellat stess f'dawk il-mumenti huwa kien taht "xokk u arrestat. Din qatt ma hlomtha f'ghomri kollu"!!!

Illi di piu' jirrizulta wkoll mill-istqarrijiet rilaxxati mill-appellat illi sakemm ma l-istess Scicluna ma giex ikkonfrontat bir-records tat-telefonati li saru bejnu u bejn Tabone, hu baqa' jinsisti li kellem lil Tabone darba biss fl-ufficju tieghu. Wara li gew murija lilu l-imsemmija telefonati huwa ddikjara li kienet saret telefonata qabel biex jigi ffissat appuntament (fol. 42). U allura naturalment wiehed jistaqsi li kieku dak li qed jghid Scicluna ghandu mis-sewwa kien hemm ghalfejn isiru sitt telefonati biex jigi ffissat appuntament??! U li kieku dan huwa minnu, allura Scicluna ma setghax facilment jinforma lil Vella bl-appuntament minn qabel halli l-istess Vella jkun prezenti??![2] Ghaldaqstant, fl-umli fehma tal-esponent, dawn ir-records tat-telefonati li saru bejn l-appellat u Tabone juru b'mod car ghal darba ohra illi dak li qed jigi ddikjarat minn Scicluna m'ghandhux mis-sewwa.

Illi in vista ta' dana kollu l-esponent jemmen illi mill-atti processwali odjerni jirrizultaw provi bizejjed sabiex lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni l-appellat Paul Scicluna jinsab hati tar-reat lilu addebitat. Dana qieghed jinghad 'l ghaliex ix-xhieda tax-xhud ewlieni tal-prosekuzzjoni, Vincent Vella, kienet wahda li ghandha ferm mis-sewwa specjalment meta tikkompara ma dik moghtija mill-appellat Paul Scicluna hekk kif hawn fuq spjegat. In vista ta' dan, fl-umli fehma tal-esponent, l-ewwel Onorabbli Qorti ma setghet qatt tiskarta xhieda moghtija mill-istess Vella u tghaddi biex tilibera lil Paul Scicluna.

[2] Dana dejjem fid-dawl ta' dak iddikjarat minn Scicluna stess li huwa nvolva lilu nnifsu f'din il-kwistjoni ghaliex l-avukat ta' Tabone qallu li lill-ispettur Vincent Vella ma setghux jikkuntatjawh.

Illi di piu` u ghal kull boun fini, jigi rilevat ukoll illi ai fini tal-elementi tar-reat li gie addebitat fil-konfront tal-appellat Paul Scicluna, ir-raguni 'l ghaliex saret ‘l-offerta’ ai fini ta’ korruzzjoni ta’ufficjal pubbliku hija totalment irrilevanti li hu importanti huwa li ssir ‘l-offerta’. Ghalkemm wiehed jista' jassumi 'l ghaliex tali offerta saret (stante illi wara mill-investigazzjonijiet illi saru rrizulta li fil-fatt Tabone kellu jaghti lil VAT Department hafna izjed mill-ammonti ddikjarati fil-*correction letters* li kienu gew mghoddija lil Vella minghand Scicluna), dina m’ghandhiex tkun ikkunsidrata ai fini ta’ sejbien ta’ htija jew altrimenti fir-rigward tar-reat addebitat lil Scicluna. Dana qed jinghad 'l ghaliex l-prosekuzzjoni m’ghandhiex prova diretta ta’ dina ‘ir-raguni’, konsiderando li hekk kif gia' gie spjegat iktar ‘il quddiem Vella dejjem sostna li Scicluna qatt ma qallu ghaliex qed jghaddielu l-mitt Euro mal-*correction letters* u *cheques* relattivi.

Rat ir-risposta tal-appellat Paul Scicluna tad-9 ta’ Dicembru, 2013.

Illi l-esponent kien gie akkuzat, b’mod kemm xejn nebuluz, bir-reat ta’ korruzzjoni ta’ ufficjal pubbliku. Jinghad nebuluz fl-ewwel lok peress li c-citazzjoni originali giet redatta b’mod ingarbuljat tant li fil-mori tal-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati kellha tintalab korrezzjoni sabiex jigi rifless fiha dak li tghid il-ligi u, fit-tieni lok, peress li l-Avukat Generali, fin-nota tieghu tar-rinviju ghal gudizzju, fl-indikazzjoni ta’ l-artikoli tal-ligi ma kienx kapaci jindika l-paragrafu ta’ l-artikolu 115 tal-Kodici Kriminali li tahtu kellu jinstab hati l-esponent. Fuq dan l-esponent jikkummenta iktar ‘il quddiem in kwantu jidher, anke mill-istess appell, li l-Avukat Generali ma kellux triq ohra.

Illi fl-appell tieghu l-Avukat Generali jipprova jpingi stampa ta’ kuntrast bejn il-kredibilita` tax-xhud Vincent Vella u l-inkonsistenza ta’ l-esponent. Effettivament min jaqra il-process b’mod oggettiv u serju mill-ewwel jinduna li dak li jirrizulta huwa proprju l-oppost. F’din in-nota l-esponent ma huwiex ser joqghod jirrispondi ghall-argumenti superficjali ta’ l-Avukat Generali – ghajr ghal xi accenn fejn din is-superficjalita` tilhaq livelli ta’ assurdita` – izda sejjer jirribadixxi r-ragunijiet ghaliex il-Qorti tal-Magistrati ma setghet qatt, la legalment u wisq anqas fattwalment, issibu hati ta’ l-akkuza dedotta kontrih.

Il-fatti tal-kaz, fis-semplicita` taghhom, huma s-segwenti. Vincent Vella, spettur tal-VAT, kien gie inkarigat jaghmel *audit investigation* ta' certu Mark Anthony Tabone. L-avukat ta' Tabone, Dr. Joseph Arrigo, bhalma kienu jaghmlu diversi avukati u accountants, talab ghall-assistenza ta' l-esponent sabiex il-klijent tieghu jikkomunika ma' dan Vincent Vella. Infatti, kif irrizulta mill-provi, Paul Scicluna kien jahdem fil-*Legal Section* tad-Dipartiment tal-VAT. Xogholu kien jikkonsisti filli jiehu hsieb il-prosekuzzjonijiet fil-Qorti kif ukoll li jassisti lin-nies jottemporaw ruhhom mad-Dipartiment. L-esponent accetta li jara lil dan Tabone u infatti Tabone kien halla ghandu zewg *correction letters* b'zewg *cheques* bil-hlas rispettiv bil-ghan li dawn jghaddu ghand Vincent Vella. L-esponent cempel lil Vella sabiex dan jitla' sa hdejh u jghaddilu il-*correction letters* u c-*cheques*. Vella allega li ma' dawn id-dokumenti l-esponent ghaddielu wkoll karta ta' mitt euro. L-allegazzjonijiet ta' Vella ma humiex cari in kwantu kienu s-suggett ta' diversi varjazzjonijiet kif ser jigi spjegat. L-esponent dejjem cahad bil-qawwa din l-allegazzjoni malizzjuza.

Illi ma hemmx kontestazzjoni dwar l-ewwel element tar-reat ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku in kwantu Anthony Zammit mill-HR Office ta' l-OPM xehed li Vincent Vella kien impjegat tal-Gvern f'Ottubru tas-sena 2011.

Illi it-tieni element tar-reat, l-accetazzjoni ta' rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal kontra l-ligi, hu l-qalba ta' dan il-kaz u ghalhekk ikun pertinenti li wiehed jara x'irrizulta. Jidher li l-Avukat Generali ha l-impressjoni li Vincent Vella kien konsistenti! Fil-Qorti Vincent Vella qal hekk:

> *"... xi gimgha ohra forsi pressa poco u rega ghajjatli s-Sur Scicluna u qalli ejja malajr l-ufficcju u tlajt hdejh u ried jghaddili ittra ta' korrezzjoni b'cekk u ried jghaddili kien hemm 100 euro maghhom"*

iktar 'il quddiem qal hekk:

> *"Taghni correction letter b'cekk mieghu u dak il-hin kien hemm 100 Euro fuq il-mejda"*

iktar 'il quddiem:

> *"Hu qalli 'dawn ghalik'"*

u iktar 'il quddiem:

> *"Kien qed jirreferi ghall-ittra u ghal-100 Euro. Fhimt jien"*

wara, fuq domanda tal-Qorti hu kompla:

> *"Hin minnhom qalli 'hudha, dawn ghalik'"*

Issa hawnhekk wiehed irid necessarjament jieqaf u jirrifletti ezattament x'qed jghid Vella. Fl-ewwel silta jaghti x'jifhem li l-mitt euro kienet ma' l-ittra u c-*cheque* (wiehed?). Iktar 'il quddiem ighid li l-mitt euro kienet fuq il-mejda. Tajjeb jinghad li x-xhud Charles Vella, li kien kellem lil Vincent Vella, xehed li kienet fuq il-mejda. Vincent Vella imbaghad ighid li l-esponent qallu "dawn ghalik". Mistoqsi x'fehem ighid li kien qed jirreferi ghall-ittra u ghall-mitt euro. Ezatt wara juza l-kelma "hudha – u mhux hudhom – dawn ghalik".

Illi minn din il-kronoligija wiehed jifhem li l-animu ta' Vella huwa malinn. Fejn kienet il-mitt euro? Meta allegatament qallu "dawn ghalik" kien qed jirreferi ghall-ittri jew ghall-mitt euro? Fix-xiehda tieghu l-Ispettur Gafa' qal li kien qed jirreferi ghall-mitt euro biss. Din hija allegazzjoni serja u wiehed kien minimament jippretendi li min qed jaghmilha ikun preciz fi kliemu u mhux joqghod ibiddel il-versjonijiet. Min ikun ircieva offerta ta' korruzzjoni ikun jaf ezattament x'ikun gara u mhux joqghod jistahba wara t-trapass ta' zmien u l-agitazzjoni!

Pero` it-tahwid ma jieqafx hawn. Charles Vella, mistoqsi jekk ikkonfrontax lil Vella bid-diskrepanzi fil-versjonijiet tieghu, jirrispondi hekk:

> *Niftakar li gibdulu l-attenzjoni lil Vince Vella ghaliex biddel il-versjoni u qalilna illi meta kien quddiem Paul u kien hemm il-flus allegatament fuq il-mejda, deher li kien diehel xi hadd fl-ufficcju,*

*habbat xi hadd u hu allura qal li biex ma jimbarazzawx ruhhom it-tnejn, qabad u hadha, hareg mill-ufficcju, mar f'postu, rrifletta u rega mar tahielu lura ghax hu qal li qatt me kellu intenzjoni li jehodha.*

Vincent Vella fix-xiehda tieghu jghid hekk:

*Pros:* *Tghidilna min kien hemm prezenti waqt dan l-allegat incident*
*Xhud:* *Jien u s-Sur Scicluna biss*
*Pros:* *F'xi hin dahal xi hadd fuqkom?*
*Xhud:* *Le*

Liema hija l-verita`? Forsi Charles Vella qed jigdeb jew jimmagina l-affarjiet!

Illi pero` l-ikbar buffonata tibqa' dik ta' x'ghamel bil-flus. Vella jghid hekk:

*Pros:* *hadthom?*
*Xhud:* *Iva. Inzilt fl-ufficcju nkwetat u rrealizzajt li hemm xi haga hazina u ergajt tlajt u ergajt tajtu kollox lura, il-correction letter u il-100 Euro lura u hrigt 'l barra mill-ufficcju.*

Kien hemm bzonn imur l-ufficcju biex jinduna li hemm xi haga hazina! Anke jekk wiehed jerga' jara biss dak li xehed Charles Vella, jinduna li Vincent Vella huwa bniedem giddieb li jbiddel il-versjoni ma' kull nifs.

Illi l-ewwel rapport li ghamel Vincent Vella kien li rritornahom immedjatament. Qed issir referenza ghax-xiehda ta' Lawrence Gatt, Charles Vella, Joanne Hefney, Joseph Sammut u anke ta' l-istess Vincent Vella.

Illi anke f'din l-ewwel versjoni hemm diskrepanza. Lil Lawrence Gatt, li kien l-ewwel persuna li kellem, qallu "li kien rritornahom lil Paul Scicluna li kien tahomlu" u lil Charles Vella qallu "li il-100 euro ma kienx hadha".

Illi huwa interessanti li anke t-tieni versjoni tissubixxi varjazzjoni – fix-xiehda tieghu jghid li "hadthom minn fuq id-desk. Qbadthom b'idejja." Skond l-Ispettur Gafa', l-esponent kien ghaddielu l-karti "inkluz din il-karta ta' 100 Euro"!

Illi meta Vincent Vella gie mistoqsi ghaliex biddel il-versjoni huwa qatt ma ta spjegazzjoni. Mistoqsi in kontro-ezami dejjem stahba wara frazijiet tat-tip "kont mahsud" u "kont ippanikkjat". Interessanti li anke l-ufficjali tal-VAT thassbu bil-bdil fil-versjonijiet (vide xiehda ta' Joanne Hefney).
In-nuqqas ta' kredibilita` tohrog anke mis-segwenti fatt:

*Avukat: U qed nifhem sew illi inti dawn il-100 Euro accettajthom*
*Xhud: Dak il-hin iva accettajhom*
*Avukat: Imbaghad kellek ripensament*
*Xhud: Ezatt. Irrealizzajt x'jista' jigri u ergajt rritornajthom lura*

Issa mhux ghaliex habbat il-bieb?

llli Vincent Vella huwa giddieb u ma jista' jinghata ebda affidament. Dawn id-dettalju donnhom sfuggew lill-Avukat Generali fir-rikors ta' appell tieghu mimli elogji ghall-konsistenza ta' dan ix-xhud.

Illi wiehed hawn jistaqsi – hadu xi passi l-Pulizija kontrih? Ir-reat ta' korruzzjoni skond hu gie kkunsmat. Din ma hijiex dezistenza volontarja fit-termini ta' l-artikolu 41(1)(b).

Illi l-esponent, a differenza ta' Vincent Vella li ma kull nifs li jiehu jbiddel xi haga mill-istorja, kien konsistenti, koerenti u fuq kollox korroborat mill-evidenza. Huwa ta hames stqarrijiet. Dejjem cahad bil-qawwa dawn l-allegazzjonijiet u dejjem baqa' konsistenti. Il-konsistenza wiehed jista' jaraha anke minn dak li ntqal fit-tieni stqarrija tieghu – meta hu kien arrestat. Anthony Scicluna nfatti xehed u ikkonferma dak kollu li qal l-esponent. Frank Borg, Assistant Direttur fid-Dipartiment tal-VAT, ukoll ikkonferma dak li qal l-esponent. L-esponent qal dan meta kien arrestat u certament ma setghax jiffrabika storja.

Illi ghalhekk meta l-Avukat Generali, fl-appell tieghu jghid li l-kaz huwa msejjes ukoll fuq provi cirkostanzjali [recte: indizzjarji] wiehed verament jithasseb dwar jekk qarax l-istess process li jinsab fil-Qorti.

Illi it-tielet element tar-reat ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku jikkonsisti filli l-offerta trid tkun saret in konnessjoni mal-kariga jew impieg. Fuq dan ser jinghad aktar fl-osservazzjonijiet dwar ir-raba' element. F'dan l-istadju ser terga' ssir referenza ghal dak li qal Vincent Vella – "dawn ghalik" – minghajr ebda spjegazzjoni.

Illi tajjeb hawnhekk wiehed jieqaf u jahseb x'qed tipprova tinsinwa l-prosekuzzjoni. Certament mhux li l-esponent ikkorrompa lil Vincent Vella ghal skopijiet personali. Jidher li l-prosekuzzjoni qed tinsinwa li l-esponent kien intermedjarju bejn Mark Anthony Tabone u Vincent Vella. Naturalment ma kienx konvenjenti ghall-Avukat Generali li jghid li ma saret ebda prova minn fejn gew dawn il-mitt euro. Jidher li kien iktar ikkoncentrat fl-elogji tax-xhud Vincent Vella.

Illi Mark Anthony Tabone ghazel li ma jixhidx f'dawn il-proceduri. Pero` kemm l-Ispettur Gafa' kif ukoll l-esponent jikkonfermaw li waqt l-istadju ta' l-investigazzjoni dan cahad li ghadda xi flus lil Scicluna ghall-iskop li qed tinsinwa l-prosekuzzjoni. Mela hawnhekk il-prosekuzzjoni ghandha toqba ohra enormi fil-kaz taghha. Anke jekk wiehed – b'immaginazzjoni straordinarja – jasal biex jghid li Vincent Vella huwa xhud kredibbli, xorta ma hemm assolutament ebda ness pruvat bejn il-mitt euro u Mark Anthony Tabone!

Illi Vincent Vella, fid-diversi versjonijiet tieghu, fl-ebda mument ma jghid li dik il-mitt euro kienet konnessa ma' Mark Anthony Tabone – bilkemm hemm ghalfejn jinghad li l-kongetturi ma jissostitwux il-provi!

Illi fix-xiehda tieghu l-Ispettur Gafa' ghamel referenza ghal *circumstantial evidence* u jsemmi xi *call profiles*. Fil-kontro-ezami jidher li kien qed jirreferi ghal zewg telefonati *ex post facto*! Difficli timla toqba bhal din b'telefonata *ex post facto*. Fir-rikors ta' l-appell tieghu l-Avukat Generali ha spunt minn dawn it-telefonati u addirittura ittripplikohom billi qal li kienu sitta (sic!). Jista' jkun li l-konsistenza ta' Vincent Vella ghamlet bih!

Illi r-raba' element hu li l-iskop tar-reat irid ikun jew biex isir dak li hu fid-dmir ta' l-ufficjal pubbliku jew biex jonqos milli jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu.

Illi dan l-element – li wkoll huwa manifestament nieqes – juri li l-prosekuzzjoni ma tistax tikkongettura x'kien l-iskop tal-korruzzjoni. Is-sottomissjoni ta' l-Avukat Generali f'dan ir-rigward hi li l-fini ta' l-offerta hija totalment irrilevanti. Tali osservazzjoni ghandha certament il-potenzjal li tqajjem lill-Carrara u lill-Manzini mill-oqbra taghhom!

X'qal Vincent Vella fir-rigward?

> *Pros:* *Kien hemm raguni imma ghalfejn?*
> *Xhud:* *jekk kien hemm raguni jiena ma nafhiex*

Din id-dikjarazzjoni wahedha hija bizzejjed biex l-esponent jigi lliberat mill-akkuza migjuba kontrih. Mhux ta' b'xejn l-ewwel l-Avukat Generali ma indikax il-paragrafu ta' l-artikolu 115 imbaghad qal li l-fini tal-korruzzjoni hi "totalment irrilevanti".

Illi tajjeb li ssir referenza ghal dak li qal Joseph Sammut:

> *Lil Paul Scicluna imbghad ghidnilu bl-allegazzjoni li qal Vella u staqsejnieh jekk hux veru li offra l-flus ghax kien hemm biss korrezzjoni ta' returns.*

Appuntu! Mhux biss ma hemmx il-prova izda addirittura lanqas ma hemm raguni ghalfejn wiehed jaghmel din l-offerta.

Ghal dawn ir-ragunijiet kif ukoll in vista tal-gurisprudenza kostanti dwar ir-rwol ta' din l-Onorabbli Qorti fir-rigward ta' appell dwar l-apprezzament tal-provi, l-esponent umilment jissottometti li l-appell ta' l-Avukat Generali ghandu jigi michud minghajr ebda ezitazzjoni.
Rat in-nota risponsiva ulterjuri tal-Avukat General tal-10 ta' Dicembru, 2013.

Illi l-esponent jaghmel referenza ghan-nota responsiva ipprezentata *seduta stante* mill-appellat Paul Scicluna fid-9 ta' Dicembru 2013 bil-konsegwenza illi fl-istess seduta l-esponent ma kienx fl-ahjar posizzjoni li jiehu konjizzjoni u jwiegeb b'mod definittiv ghal dak kollu li ntqal fl-istess nota ipprezentata mill-appellat u dana partikolarment fir-rigward tal-elementi kostituttivi tar-reat addebitat fil-konfront tal-appellat. Ghaldaqstant dina n-nota responsiva min-naha tal-esponent qieghda tigi prezentata sabiex l-istess esponent iwiegeb u jikkjarifika l-posizzjoni legali fir-rigward ta' dak illi l-appellat jirreferi ghalihom fin-nota responsiva tieghu bhala 't-tielet u r-raba` element tar-reat ta' korruzzjoni'.

Illi fir-rigward ta' dak iddikjarat fil-bqija tan-nota responsiva tal-appellat, l-esponent ser jirrimetti ruhu ghall-kontenut ta' l-appell minnu intavolat minghajr ma jsegwi l-prassi, ghal kollox inopportuni u ghal kollox barra minn lokha, addottata mid-difiza tal-appellat. Dana qieghed jinghad partikolarment b' referenza ghall-kummenti maghmula mill-appellat fil-konfront ta' l-esponent.

Illi fir-rigward tat-tielet element ghar-reat ta' korruzzjoni ta' ufficjal pubbliku, u cioe' illi l-offerta trid tkun saret in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tal-ufficjal pubbliku, l-esponent jirrileva illi mill-fatti tal-kaz odjern jirrizulta li l-offerta in kwistjoni (ta' Eur.100) li saret lil Vincent Vella saret in konnessjoni mal-kariga tieghu ta'ufficjal pubbliku fid-dipartiment tal- VAT. Dana qieghed jinghad 'l ghaliex l-appellat ghadda l-karta tal-mitt Euro lil Vella flimkien mal-correction letter u cheques relattivi ghall-istess correction letter u dana fl-isfond tal-fatt illi Vella kien dak l-ispettur illi kien qed imexxi l-*audit* fil-konfront ta' Mark Anthony Tabone. Di piu' dan il-fatt hu msahhah minn dak li jghid l-appellat Paul Scicluna[3] stess meta ddikjara li hu ghadda d-dokumenti relattivi lil Vincent Vella ghax kien hu li kien qed jiehu hsieb l-*audit trail* fil-konfront tat-*tax payer* Mark Anthony Tabone. Ghaldaqstant, fil-fehma tal-esponent, dan l-element gie pruvat mill-prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni ai termini tal-ligi relevanti;

Illi b'referenza ghal dak illi l-appellat jirreferi ghalih bhala r-raba' element tar-reat ta' korruzzjoni u cioe', l-iskop tar-reat ta' korruzzjoni - jekk l-offerta tkunx saret biex l-

[3] Dana qieghed jinghad 'l ghaliex ogettivament l-unika kontestazzjoni principali bejn il-verzjoni ta' Vincent Vella u Paul Scicluna hija li ghaddiet il-karta tal-Euro 100 flimkien mal-correction letter u cheques relattivi.

ufficjal pubbliku jaghmel dak li huwa kien fid-dmir li jaghmel jew altrimenti sabiex jonqos milli jaghmel dak li hu fid-dmir li jaghmel, l-esponent jirrileva s-segwenti:

Illi hekk kif ser jigi spjegat iktar 'il quddiem, jekk wiehed jaghmel referenza ghad-dettami tal-artikolu 115 tal-Kodici Kriminali, jirrizulta bl-iktar mod car illi l-appellat huwa skorrett meta qed jiddikjara illi c-cirkostanzi stipulati fis-subartikoli 115(a) sa 115(c) huma elementi kostitutivi ghad-delitt ta'attentat ta' korruzzjoni. Fil-fatt l-artikolu 115 jistipula li:

> *"Kull ufficjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, jitlob, jircievi jew jaccetta ghaliha jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa ma jkollux jedd,* ***jehel***[4]*, meta jinsab hati… "*

Dan ifisser illi l-elementi kostituttivi tar-reat ta' korruzzjoni huma dawk stipulati fil-parti tal-artikolu 115 hawn fuq citata. Hekk kif tixhed il-frazi '*jehel meta jinsab hati*' s-subartikoli (a) sa (c) tal-istess artikolu huma biss relevanti sabiex tigi stabbilita l-piena relattiva u ma ghandhomx jigu kkunsidrati bhala elementi kostituttivi tad-delitt ta' korruzzjoni hekk kif qed jinghad mid-difiza.

Illi dan huwa ukoll ikkomfortat minn dak illi ddikjara l-Professur Anthony Mamo fir-rigward tal-elementi kostituttivi tar-reat ta'attentat ta' korruzzjoni. F'dan ir-rigward il-Profs. Mamo jibda billi jispjega kif evolviet il-gurisprudenza dwar dan ir-reat u dana fid-dawl tat-teoriji konfliggenti li originarjament kienu jezistu bejn diversi guristi (u hawnhekk jaghmel referenza anke ghat-teorija ta' Carrara) dwar l-dan il-punt. Sussegwentament jghaddi biex jispjega kif il-posizzjoni legali f'dan ir-rigward giet kristallizata ghal dik illi nhadnu llum il-gurnata.

> *"4. Bribing a Public Officer*
>
> *Subsection (2) of the said sec. 118*[5] *deals with the case in which the crime of corruption has not been committed by*

[4] Emfazi tal-esponent
[5] Illum l-artikolu 120 tal-Kodici Kriminali

*the public servant, but there has been an attempt to corrupt him. It lays down:*

*"Where the public officer or servant does not commit the crime the person who attempts to induce such officer or servant to commit the crime shall, on conviction, be liable to hard labour or imprisonment for a term not exceeding three months:*
*Provided that the Court may in serious cases, in addition to either of the said punishments, award a fine (multa)."*

*This provision settles a question which was variously solved by theoretical writers. Some held that the mere offer of a reward made to a public servant for the purpose of influencing his conduct and which is not accepted by such public servant, constituted attempted corruption. Others such as Carrara and Pessina held an opposite view. Corruption – these latter jurists said – is a bilateral crime resulting from the concurrence of the act of the corrupter and the officer corrupted, and this constituted by the acceptance of the reward or promise; it follows that the mere offer of money or other consideration is not an act of execution, it being the act of one party only which can never by itself give rise to the said crime and to it, therefore, the rules of attempt cannot apply. On the other hand, these jurists went on to say, once the offer is not accepted by the public servant and the principal offence is not, therefore, committed, one cannot think of applying to the briber the rules of complicity to do so would be to make punishable an attempted complicity, which as we know is absurd.*

*Without a special provision creating the mere offer as an independent offence in itself the act would therefore escape*

*punishment. This was also the view taken by our Court in "Rex vs C.B." on the 3/9/1901. (Law Reports, Vol. XVIII, Part IV, p. 2).*

*Perhaps rising out of this decision and in any case, to solve the difficulty and not allow such dangerous acts to go unpunished, the provision of subsection (2) was added to the said sec. 118*[6] *by Ordinance No. 1 of 1903.*

*E indubitato che il tentativo di corruzione raccoglie in se elementi bastevoli per essere reputato come un delitto sui generis mentre racchiude certamente un' oltraggio al magistrato ed un'offesa alla dignita' delle pubbliche funzioni (Roberti op. cit. para 610 cfr. Also Criminal Appeal, "Police vs P. Gatt" 27/9/1907, and "Police vs. C. Chetcuti" 15/12/1945).*

*This special crime is, therefore, committed whenever a bribe is offered to a public servant and such offer is not accepted. That is what the law means when it says: "the officer or public functionary has not committed the crime." It does not refer to the actual failure from his duty: but to the mere acceptance, for as we have seen, the crime of corruption is completed in all its essential constituents, by the mere acceptance: the additional failure from duty only aggravates the punishment. If the offer of bribery is not accepted the public servant is not guilty of any wrong by the person making the offer is guilty precisely of this special crime.*[7]

*The law does not specify the forms in which the offer of bribery may be made. It was held that this crime can be*

[6] Illum l-artikolu 120 tal-Kodici Kriminali
[7] Emfazi tal-esponent.

> *committed without even uttering any word and simply by sending money to the public officer. (Maino op. cit. art. 173 para. 930).* [8]"

Illi b'hekk anke il-Profs. Anthony Mamo ddikjara illi ai fini tar-reat ta' attentat ta' korruzzjoni l-prosekuzjoni ma ghandhiex ghalfejn tipprova c-cirkostanzi elenkati fis-subartikoli 115(a) sa 115(c) tal-Kodici Kriminali izda l-'offerta' ta' flus biss ovvjament maghmula lill-ufficjal pubbliku in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu (kif ghandna f'dan il-kaz) hija bizzejjed sabiex jigu sodisfatti l-elementi kostituttivi tal-istess reat ai fini ta' sejbien ta' htija u dana kuntrarjament ghal kif iddikjara l-appellat fin-nota responsiva tieghu.

Illi ghaldaqstant, isegwi illi kuntrarjament ghal dak li nghad mill-appellat fin-nota responsiva tieghu, fil-kaz odjern il-prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubbju detat mir-raguni l-elementi kostituttivi kollha tar-reat addebitat lill-appellat.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta' l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet

[8] Emfazi tal-esponent.

ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F'dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta' April, 1995; u
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta' Novembru, 1995; kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta' l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma esposti hawn fuq u ma hemmx ghalfejn jigu ripetuti.

Illi x-xhud ewlieni f'dan il-kaz hu wiehed u a bazi tal-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali, ix-xhieda ta' xhud wiehed hu bizzejjed biex tigi radikata responsabilita' kriminali. Illi l-ewwel Qorti wara li semghet ix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni ma deherilix li dan ix-xhud kien wiehed li jista' jitwemmen. Fil-fatt, l-appell tal-Avukat Generali hu mfassal fuq il-punt li l-ewwel Qorti kellha temmen li dan ix-xhud u hi ghamlet apprezament hazin tal-provi mressqa minn dan ix-xhud. In sostenn tat-tezi tieghu l-Avukat Generali semma' diversi brami tax-xhieda ta' Vincent Vella biex juri li dan ix-xhud ghandu jitwemmen. Jirrizulta mill-provi prodotti li dan ix-xhud biddel il-versjoni tieghu ta' l-inqas tlett darbiet fuq dak li allegatament gara bejnu u bejn l-appellat Paul Scicluna. Dan il-fatt hu ferm stramb meta dak li gara kienet allegatament azzjoni lineari li ma kellha thalli ebda lok ghal xenarji differenti. Tant hu hekk li anki s-superjuri tieghu u specifikatament Charles Vella xehed li Vincent Vella ta versjoni ohra fejn hu u Paul Scicluna gew interrotti waqt l-inkontru taghhom minn terz. Dan il-fatt ma jsib ebda riskontru fix-xhieda ta' Vincent Vella.

Illi l-appellat dejjem cahad li hu ta jew ghadda lil Vincent Vella l-karta ta' mitt euro (€100). Dan gara fil-hames stqarrijiet li hu rrilaxxa lill-pulizija, kif ukoll waqt ix-xhieda tieghu quddiem l-ewwel Qorti. Hawnhekk, ghandu jigi rilevat ukoll li

ghalkemm il-persuna li qabez ghaliha l-appellat ma offrietx ix-xhieda taghha, jirrizulta mix-xhieda tal-prosekuzzjoni li hu ma ta ebda flus lill-appellat. Frankament, ma kienx hemm ghalfejn ihallas ebda centesimu ghaliex dak li gara u cioe' il-konsenja ta' 'correction letters' u zewg cheques hi haga normalissima fid-Diaprtiment tal-VAT.
Illi dan il-kaz ghandu kontorn gustuz. Jirrizulta mill-provi prodotti li ftit qabel ma nqala dan il-kaz persuna marret tkellem lill-appellat fuq dak li semghet f'hanut tax-xorb. Din il-persuna qalet lill-appellat li certu Vincent Vella, li hi ma tax min hu, flimkien ma spettur iehor kienu hadu l-flus biex jirrangaw file. Din hi semplicement allegazzjoni li ma tistax tigi nvestigata ulterjorment. Din id-diskursata giet irraportata dak il-hin stess lill-kollega tal-appellata, Frank Borg, li kkonferma li l-appellat kien kellmu l-mument li dik il-persuna halliet l-officcju tieghu. Billi din kienet allegazzjoni ma sar xejn ghajr li l-appellat informa lil Vincent Vella b'dak li kien sema'. Ftit tal-jiem wara nqala l-incident meritu ta' dan il-kaz.

Illi mehuda in konsiderazzjoni x-xhieda kollha prodotta din il-Qorti tista' tasal serenament ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti ragonevolment u legalment waslet ghal konkluzjoni taghha.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tichad l-appell ta' l-Avukat Generali u tikkonferma s-sentenza appellata.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------